## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MAHMOUD ALKAMRAWI (KI. 267293A)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13/09/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil Mahmoud Alkamrawi** **Bin N/A mwieled fl-01/01/1994 Syria**
**u joqghod 38, Fl 7, Suncity App., Marsa Road, Marsa OR**
**111, Marina, Fl 6, Triq San Albert, Gzira**
**ID: 267293(A)**

**BILLI inti akkuzat/a** talli flt-28/01/2022 ghall-habta ta' 13:30 hrs gewwa Triq l-Iskola, Hamrun, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBT 676;

1. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**
2. Bhala sid jew xufier ta` l-imsemmija vettura bil-mutur,inqast li tara li jkollha dejjem u f`kull zmien licenzja ta` cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. **Sec. 14(3) LS 368.02**
3. Kellek vettura bil-mutur fit- triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenza mahruga mill-Awtorita ghatt- Trasport f' Malta u nqast li ggeddida kull sena. **Reg. 13(2) L.S. 368.02**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 1107 Miguel Chetcuti (affidavit), PS 2252 Chantal Zammit Bartolo (affidavit), Brian Farrugia (Transport Malta), kif ukoll rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjoni numru wieħed (1) u li kkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu ċans biżżejjed jikkonsulta mal-avukat tiegħu u jirrikunsidra d-deċiżjoni tiegħu;

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Mill-ammissjoni tal-imputat l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, għalkemm jirriżulta illi l-imputat kien is-sid reġistrat tal-vettura u li dan naqas milli jiżgura li din jkollha liċenzja taċ-ċirkulazzjoni maħruġa minn Transport Malta, madanakollu l-Qorti ma' tistax teroga l-piena taħt ir-reġolament ċitat fil-komparixxi (LS 368.02, Reg. 14(4)) peress illi din hija waħda amministrattiva li ma' taqax taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ossia li l-imputat kellu vettura fit-triq mingħajr liċenzja taċ-ċirkolazzjoni, il-Qorti trid tippreċiża illi fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 ċitata mill-Prosekuzzjoni **ma' teżistix piena** għal min ikollu vettura fit-triq (kemm jekk qed tintuża kemm jekk le) li ma' jkolliex liċenzja maħruġa mimn Transport Malta. Minflok, il-leġislatur jaħseb għal pieni li huma marbuta mas-**sewqan** ta' vettura mingħajr liċenzja (Reg. 44(7)(a)) u mas-sewqan jew tħallija fit-triq ta' vettura mingħajr ma' jkollha l-**liċenzja mwaħħla mal-*windscreen***. (Reg. 44(7)(c). Fi kwalunkwe każ il-Qorti ma' tistax teroga piena peress illi kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi.

**Deċiżjoni**

Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti:

- **tillibera** lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru tnejn (2) u tlieta (3), u

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

- wara li rat l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, ssibu **ħati** tal-imputazzjoni numru wieħed (1) u tikkundannah iħallas multa fis-somma komplessiva ta' € **2,400** pagabbli f' **24** pagamenti mensili ugwali (ai termini tal-Kap. 9 Art. 14(2)). Tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' **tnax-il xahar** (Art. 3(2A) tal-Kap. 104).

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |